# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnax (12) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 274/2014 FDP**

Fl-ismijiet

**Cachia Carmelo sive Charles (K.I. 15065M)**

**Vs**

**Cachia Anna sive Annie et (K.I. 60042M)**
**Joseph Cachia (K.I. 391777M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' April 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi r-rikorrent jiġi iben l-intimata Anna sive Annie Cachia armla minn Anthony Cachia, u ħu l-intimat l-ieħor Joseph Cachia.*

   2. *Illi l-intimata hi s-sid ta' sehem mid-ditta / negozju ġestit bl-isem 'Aluage' u ta' l-assi u l-passiv li jiffurmaw l-istess ditta / negozju, u użufruttwarja tal-bqija tal-istess ditta / negozju. In-negozju relattiv jikkonsisti fl-importazzjoni, manifattura, bejgħ u installazzjoni ta' aluminium u diversi prodotti tal-aluminium fosthom windows, doors u balcony railing, shower cubicles, blinds u purtieri, u importazzjoni u bejgħ ta' retractable / insect screen systems, fost oġġetti oħra.*

   3. *Illi r-rikorrent Carmelo Cachia u l-intimat Joseph Cachia għandhom ukoll sehem in propjeta' mid-ditta / negozju ġestit bl-isem 'Aluage' u ta' l-assi u l-passiv li*

*jiffurmaw l-istess ditta / negozju hekk ġestit, minbarra li huma jaħdmu wkoll f'dan in-negozju.*

4. *Illi permezz ta' skrittura datata 17 ta' April 2012, li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument A, l-intimata Anna Cachia intrabtet illi sa żmien sena mid-data ta' dik l-iskrittura taqsam din id-ditta / negozju f'żewġ porzjonijiet, u toffri lir-rikorrent u lill-intimat konċessjoni ta' kera ta' negozju u propjeta' mmobbli li minnha r-rikorrent u l-intimat setgħu jaħdmu u jiġġestixxu negozju li jkun fl-istess linja ta' negozju illum ġestit taħt l-isem 'Aluage'; u dan billi n-negozju li preżentement jismu 'Aluage' jinqasam f'żewġ porzjonijiet ta' valur kemm jista' jkun indaqs, b'mod illi kemm jista' jkun kull porzjon ikun jista' jiffunzjona bħala negozju fl-istess linja ta' xogħol li taħdem preżentement id-ditta 'Aluage', b'porzjon wieħed jinkludi ż-żewġ garaxxijiet fi Triq id-Dejma, Tarxien minn fejn preżentement jiġi ġestit in-negozju ta' din id-ditta, filwaqt li l-porzjoni l-oħra tinkludi fond li l-intimata obbligat ruħha li ser tibni fuq l-arja tal-fond magħruf bħala "C3 Aluminium" li jinsab fi Triq l-Imdina, Żebbug (Malta). Dan l-iżvilupp u l-armar ta' din il-propjeta' biex in-negozju jkun jista' jopera kellu jiġi mħallas mill-istess intimata. Sussegwentement għal din il-qasma, l-intimata intrabtet li ma tibqax taħdem u tirtira.*

5. *Illi wara li ssir din il-qasma, l-intimata intrabtet li toffri lir-rikorrent u lill-intimat b'kera ż-żewġ porzjonijiet imsemmija, b'dana illi r-rikorrent u l-intimat kellhom jaqblu bejniethom min ser jieħu liema porzjon, u fin-nuqqas ta' tali qbil, l-intimata kellha ttella' l-ismijiet bix-xorti għall-fini ta' lil min ser imissu dawn iż-żewġ porzjonijiet.*

6. *Illi dawn l-obbligi u l-kundizzjonijiet relativi jirriżultaw b'mod aktar dettaljat mill-istess skrittura, minn fejn jirriżultaw ukoll obbligi u kundizzjonijiet oħra (paragrafu 3 u 4 tal-istess skrittura).*

7. *Illi minkejja li għaddew kważi sentejn mid-data ta' din l-iskrittura u skada sew iż-żmien li fih l-intimata kellha tersaq għat-twettieq tal-obbligi tagħha minn hemm naxxenti, hija baqgħet inadempjenti u minkejja diversi interpellazzjonijiet, baqgħet lura milli twettaq dak illi ntrabtet li twettaq fl- iskrittura tas-17 ta' April 2012, u kkaġunat danni finanzjarji kbar lir-rikorrent.*

8. *Illi l-intimata ġiet interpellata diversi drabi sabiex tonora l-obbligi naxxenti mill-iskrittura tas-17 ta' April 2012 iżda inutilment, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

9. *Illi wkoll l-intimat l-ieħor Joseph Cachia, bl-aċċettazzjoni tal-intimata l-oħra, qiegħed abużivament u mingħajr ebda dritt, ifixkel u anke' jżomm lir-rikorrent milli jaċċedi fil-fond aktar qabel imsemmi konsistenti f'żewġ garaxxijiet li jinsab fi Triq id-Dejma, Tarxien, u qiegħed b'hekk jirreka danni kbar lir-rikorrent.*

*Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex :*

1) *Tiddikjara illi l-intimata hi moruża fit-twettiq tal-obbligi li hi marbuta bihom u li jemerġu mill-iskrittura tas-17 ta' April 2012, u li hi ma wettqitx dawn l-obbligi fiż-żmien li fih kellhom jitwettqu, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward.*

2) *Tikkundanna u tordna lill-intimata sabiex twettaq u tonora l-obbligi kollha li hi marbuta bihom fl-iskrittura tas-17 ta' April 2012, b'dana wkoll illi din l-Onorabbli Qorti għandha:*

    a. *tordna l-qasma tan-negozju ġestit bl-isem "Aluage" u l-assi, attiv u passiv tal-istess negozju f'żewġ porzjonijiet bil-kundizzjonijiet li jemerġu mill-iskrittura tas-17 ta' April 2012 u in linea mal-istess;*

    b. *tassenja porzjon lir-rikorrent u l-porzjon l-ieħor lill-intimat skont kif jaqblu l-istess rikorrent u intimat, jew jekk ma jkunx hemm tali qbil, billi tittella' x- xorti;*

    c. *tiffissa l-kirja li għandha tiġi mħallsa lill-intimata għall-fini ta' dak imsemmi fl-ewwel parti tal-iskrittura (qabel il-paragrafu numerat 1) u għall-fini tal-paragrafu numerat 3 tal-istess skrittura.*

3) *Tiddikjara illi l-intimata hi responsabbli, minħabba li ma wettqitx l-obbligi kollha naxxenti mill-iskrittura tas-17 ta' April 2012 fiż-żmien li fih kellhom jitwettqu, għad-danni sofferti mir-rikorrent.*
4) *Tillikwida, sad-data li fiha tingħata s-sentenza finali minn din l-Onorabbli Qorti, id-danni sofferti mir-rikorrent minħabba din l-inadempjenza u l-morożita' minn naħa tal-istess intimata.*

5) *Tikkundanna lill-intimata Anna sive Annie Cachia biex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

6) *Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent minħabba li l-intimat Joseph Cachia bl-aċċettazzjoni tal-intimata l-oħra qiegħed abużivament, u mingħajr ebda dritt, ifixkel u anke' jżomm lir-rikorrent milli jaċċedi fil-fond (konsistenti f'żewġ garaxxijiet) li jinsab fi Triq id-Dejma, Tarxien, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa f'dan ir-rigward.*

7) *Tillikwida, sad-data li fiha tingħata s-sentenza finali minn din l-Onorabbli Qorti, d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-aġir tal-intimati.*

8) *Tikkundanna lill-intimati biex iħallsu lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-13 ta' Novembru 2013 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment, kontra l-intimati issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-29 ta' April 2014 il-konvenut Joseph Cachia irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi kif ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kif preżentati fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement it-talbiet imressqin minnu huma improponibbli u għandhom jiġu miċħudin, bl-ispejjeż, stante fost oħrajn li mhux minnu li l-esponenti naqset milli tonora l-allegati obbligi tagħha skont l-iskrittura msemmija mir-rikorrent, b'dannu għall-istess rikorrent;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fl-agħar ipotesi, it-talbiet tar-rikorrent huwa intempestivi u ċertament frivoli, vessatorji u malizzjużi stante li dak kollu li seta' sal-preżent jiġi mwettaq mill-esponenti skont l-iskrittura msemmija mir-rikorrent ġie mwettaq, kif ser jirriżulta wkoll f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża;*

3. *Illi b'hekk, b'referenza għall-ewwel u tieni talba tar-rikorrent kif postulata fir-rikors ġuramentat tiegħu, kif ser jirriżulta wkoll matul il-mori ta' din il-kawża, mhuwiex minnu li l-esponenti naqset milli twettaq jew ma tridx twettaq l-obbligi, jekk jistgħu jissejħu hekk, li jemerġu mill-iskrittura tas-17 t'April 2012 anzi kif anki ser jirriżulta mix-xhieda u dokumentazzjoni varja li qed tiġi preżentata u li tista' tiġi preżentata, konfermata u spjegata matul il-mori ta' din il-kawża l-esponenti għamlet ħilitha kollha sabiex tibda tagħti seħħ għal dak imsemmi fl-istess skittura u sa issa għamlet dak li setgħet biex dak li sa issa seta' jsir skont l-istess skrittura, sar, filwaqt li għandha l-intenzjoni li twettaq kwalsiasi ħaġa oħra li taf tkun għad trid isseħħ fil-mument li dan ikun possibbli. F'dan ir-rigward issir referenza għad-dokumentazzjoni kollha li qed tiġi preżentata flimkien ma' dan ir-rikors bħala Dok A sa Dok E liema dokumenti, kif ser jiġi spjegat f'aktar dettal matul il-mori ta' din il-kawża jikkonfermaw li l-esponenti kienet applikat għall-permessi relattivi mal-Malta Environment and Planning Authority (MEPA) tal-bini f'Imdina Road, Żebbuġ li qed juża l-attur rikorrent, kif jirriżulta mill-kopji stampati mis-sit elettroniku tad-ditta ġestita minnu, ħadet ħsieb u ffinanzjat il-kostruzzjoni tal-istess anki skont ix-xewqat tal-istess rikorrent mill-finanzi tagħha u tal-kumpanija li tagħha hija direttur u l-akbar shareholder fl-isem ta' C-Three Aluminium Limited (C-12758) kif ukoll mill-fondi tad-ditta Aluage u saħansitra xtratlu makkinarju (u van kif ser jintwera matul il-mori tal-kawża), filwaqt li dan kien qiegħed ukoll jieħu xogħol u materjal ieħor tad-ditta 'Aluage';*

4. *Illi l-esponenti saħansitra inkarigat Perit ieħor ċioe' l-Perit Jesmond Mugliette sabiex jasal għal valutazzjoni tal-premises ta' Aluage fi Triq id-Dejma Ħal Tarxien u tan-negozju li qed juża s-sekwestrant fi Triq l-Imdina Żebbuġ (Dok F);*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tat-talba 2(c) elenkata fir-Rikors promotur tal-attur rikorrent, l-esponenti ma għandha l-ebda oġġezzjoni li tiġi ffissata l-kirja (għalkemm seta' effettivament kien hemm arranġament ieħor minflok kera li seta' kien qed jiġi kkonsidrat) li għandha tiġi mħallsa lilha stess, (stante li l-intenzjoni tagħha kienet proprju dik li jsir tali eżerċizzju, fin-nuqqas ta' ftehim iehor, (liema ffissar ta' kirja sa issa għadu ma sarx minħabba raġunijiet validi kif ser jiġi spjegat matul il-mori ta' din il-kawża, u mhux b'kapriċċ) b'dana*

*li pero' in vista ta' dan spjegat u dak li ser jirriżulta, ladarba r-rikorrent għażel li jmexxi b'dawn il-proċeduri intempestivament, kwalsiasi spejjeż biex tiġi ffissata l-Kera bil-ħatra ta' Perit nominat għal dan l-iskop, jekk dan ikun il-każ, u l-ispejjeż konnessi ma' tali inkarigu, għandhom ikunu unikament a karigu tar-rikorrent;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, bi tweġiba għat-tielet talba tar-rikorrent kif postulati fir-rikors promotur, l-esponenti ma għandhiex tinsab u ma għandhiex tinżamm responsabbli għal ebda allegati danni fil-konfront tar-rikorrent kemm għaliex fl-ewwel lok, dan ma sofra u ma huwa qed isofri u mhux ser ikun qed isofri l-ebda danni, kif ukoll stante li fit-tieni lok, kwalsiasi ħaġa li kien fadlilha li ssir skont l-iskrittura tas-17 t'April 2012 fil-mument li ġiet intavolata l-kawża odjerna, kienet għadha ma saritx minħabba raġunijiet validi, mingħajr ebda tort tar-rikorrenti, kif ser jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża;*

7. *Illi anki in vista ta' dak hawn fuq spjegat, bi tweġiba għar-raba' u ħames talba tar-rikorrent kif postulati fir-rikors promotur, l-esponenti eċċipjenti ma għandhiex tiġi kkundannata u ma għandhiex tinżamm responsabbli għall-ebda danni sad-data li fiha tingħata s-sentenza minn din l-Onorabbli Qorti u konsegwentement ma għandhom jiġu likwidati ebda danni f'dan ir-rigward;*

8. *Illi b'referenza għas-sitt, seba' u tmien talba tar-rikorrent kif postulati fir-rikors promotur, daqstant ieħor l-esponenti eċċipjenti ma għandha tinżamm responsabbli għal ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrent kif imsemmija f'tali talbiet fl-ewwel lok stante li l-esponenti ma ppermettiet u mhux qed taċċetta li jkun hemrn ebda xkiel kif allegat mir-rikorrent fis-sitt talba tar-rikors ġuramentat tiegħu u effettivament, kuntrarjament għal dak  li qed jiġi allegat mir-rikorrent sa fejn taf l-esponenti, ma kien qed ikun hemm ebda xkiel fil-konfront tar-rikorrent li anzi saħansitra qed ikunu hu li qed ifixkel u jieħu aktar minn dak li hu spettanti lilu mix-xogħol l-intimat l-ieħor Joseph Cachia kif ser jiġi spjegat u muri matul il-mori ta' din il-kawża. Konsegwentement l-ebda danni ma kienu u ma huma qegħdin jiġu sofferti mir-rikorrent u kuntrarjament għal dak allegat u mitlub minnu, l-ebda danni ma għandhom jiġu likwiditati u b'hekk l-esponenti ma għandha tiġi kkundannata li tħallas l-ebda danni lir-rikorrent;*

9. *Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

3. Rat illi fid-29 ta' April 2014 il-konvenuta Annie Cachia irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   1. *Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur u dan stante li l-fatti kif allegati mir-rikorrenti huma totalment skorretti u dan stante li ma huwiex minnu li ommu u allura omm l-attur ukoll ossia Anna sive Annie Cachia, ma bdietx twettaq l-obbligi minnha assunti fit-tqassim tan-negozju, kif ukoll u aktar min hekk, fl-ebda ħin u mument ma ġie l-attur prekluż milli jaċċedi l-fond tan-negozju tal-familja ġewwa Triq id-Dejma,*

*Tarxien, kif ukoll id-danni allegatament sofferti mill-attur kienu semmai self inflicted di scelta propria;*

2. *Illi saru diversi skambji bejn il-partijiet permezz ta' korrispondenza, kif ukoll laqgħat fejn repetutament l-eċċepjent tenna u offra varji soluzzjonijiet dwar kif għandu jinqasam in-negozju, sabiex iż-żewġ aħwa jkunu kuntenti t-tnejn u li t-tnejn jkollhom porzjon indaqs;*

3. *Illi kien l-attur li ddeċieda li ħabta u sabta jitlaq mill-operat tan-negozju operat minn Triq id-Dejma, Tarxien u huwa qatt ma ġie ordnat jitlaq u/jew impoġġi f'sitwazzjoni li bilfors ried jitlaq mil-operat tan-negozju. Tali aġir kien riżultat ta' għażla unilaterali tiegħu;*

4. *Kien l-istess attur li utilizza l-kuntatti tan-negozju tal-familja sabiex l-attur arrikka lilu nnifsu biss għad-dannu tan-negozju tal-familja u kien l-attur stess li ħa stock tan-negozju tal-familja mingħajr ma ħallas għalih;*

5. *Illi s-sid tan-negozju ġestit bl-isem Aluage hija biss l-omm ossia Anna sive Annie Cachia u li la l-attur u lanqas l-eċċepjent ma għandhom sehem minn tali negozju. L-aħwa Cachia dejjem kienu impjegati ma' ommhom u kien biss bil-buona volonta tagħha li fl-aħħar tas-sena skond l-andament tan-negozju kienet tgħaddi lil uliedha parti mil-qliegħ annwali tan-negozju u dana wkoll fid-dawl tal-fatt li l-aħwa Cachia flimkien ma' ommhom huma wkoll sidien tal-bini li minnu jiġi ġestit dan in-negozju;*

6. *A kuntrarju ta' dak allegat mill-attur, Anna sive Annie Cachia ai termini tal-iskrittura tas-17 ta' April 2012, implimentat fis-sħiħ l-iskrittura, tant il-qasma saret u tant l-aħwa Cachia kienu kuntenti li ommhom adempjiet ruħha mal-obbligi minnha assunti, li effettivament l-istess omm, illum il-ġurnata ma għadhiex taħdem u rtirat minn negozju;*

7. *L-intimata Anna sive Annie Cachia wara li semgħet mill-attur Charles Cachia ħallset sabiex il-fond li kellu jinbeda ġewwa Ħaż-Żebbuġ, jinbeda skond ir-rieda ta' Charles u l-eċċipjent fl-ebda ħin ma kien involut dawn it-taħditiet;*

8. *Anne Cachia ukoll saħansitra għaddiet sabiex ħallset għall-għodda li għandu bżonn l-attur sabiex jibda l-operat tiegħu, bħal ma għamlet sabiex iggarantixxiet li kull wild ikollu mezzi ta' trasport li jistgħu jintużaw għax-xogħol tal-manifattura tal-aluminium;*

9. *Di piu' l-omm Anna sive Annie Cachia ukoll forniet mezz ta' trasport lill-attur sabiex ikun jista' jutilizza l-istess vettura għal ħtiġijiet tan-negozju tiegħu;*

10. *L-attur u l-eċċipjent qablu dwar minn għandu jopera minn fejn ossia li l-attur għandu jopera mill-fond il-ġdid misjub ġewwa Haż-Żebbuġ liema fond inbena skond ix-xewqat tiegħu biss, u li l-eċċipjent għandu jibqa jopera minn Triq id-Dejma, Tarxien;*

*11. In oltre l-partijiet kollha qablu li kellu jiġi nkarigat perit arkitett sabiex jagħmel stima tal-valur tal-bini kemm ta' Triq id-Dejma, kif ukoll ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex jkun stabbilit il- valur u d-diskrepanza bejn it-tnejn sabiex dan il-fattur ukoll jkun ikkunsidrat fl-eżerċizzju tal-qasam tan-negozju. L-inkarigu tal-perit arkitett Jesmond Mugliette, effettivament tħallas kollu kemm huwa minn Anna sive Annie Cachia esklussivament;*

*12. Illi kien l-attur li dejjem għamel xkiel lill-eċċepjent sabiex ma jkunx involut fil-ġestjoni tan-negozju u mhux l-oppost bħal ma qiegħed jallega l-attur;*

*13. Illi l-uniku parti tal-iskrittura li Anne Cachia għadha ma wettqitx hija l-quantum tal-kera li kull wild għandu jħallas lilha tal-fond li minnu qiegħed jopera. Dan ma seħħx propju stante li l-ulied it-tnejn ossia l-attur u l-eċċepjenti kienu u għadhom tal-fehmha li sabiex ma jkunx hemm inkwiet bejniethom wara l-mewt ta' ommhom, u stante li ma hemmx ulied u/jew werrieta oħra, l-attur u l-eċċipjent bdew diskussjonijiet ma' ommhom sabiex it-titolu tal-propjeta' [full ownership] tagħha jkun mgħoddi lill-ulied matul ħajjitha minflok b'titolu ta' kera.*

*14. B'dana pero' li ta' tali donazzjoni, l-idea tal-eċċepjent kienet li l-ulied, inkluż huwa, kellhom jintrabtu jħallsu rigal lill-ommhom bħal rikonoxximent ta' kemm għamlet magħhom u sabiex jiżguraw ukoll li l-omm ma tkunx nieqsa minn xejn matul ħajjitha;*

*15. Illi mingħajr preġudizzju l-attur jrid iġib il-provi kollha in sostenn tal-allegazzjonijiet li qegħdin isiru fil-konfront tal-eċċepjent;*

*Salv eċċezzjonijiet ultejuri.*

**Provi:**

4. Rat illi fit-22 ta’ Mejju 2014 il-kawża ġiet differita għall-provi.

5. Rat ix-xhieda tal-**Perit Jesmond Mugliett** mogħtija fl-4 ta’ Novembru 2014 (fol 148).

6. Rat ix-xhieda ta’ l-intimata **Anne sive Annie Cachia**, prodotta mir-rikorrent, mogħtija fid-9 ta’ Marzu 2016 (fol 170).

7. Rat ix-xhieda ta’ l-Awditur **Silvio Muscat**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fid-9 ta’ Marzu 2016 (fol 173).

8. Rat ix-xhieda tar-rikorrent **Charles Cachia** mogħtija fit-3 ta’ Mejju 2016 (fol 176).

9. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ **Charles Cachia** mogħtija fid-9 ta’ Ġunju 2016 (fol 187).

10. Rat illi fis-26 ta’ Ottubru 2016, fuq talba tar-rikorrenti, tqabbdet il-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea sabiex tistma l-valur lokatizzju tal-fond ġewwa Ħal Tarxien u l-fond ġewwa Ħaż-Żebbug (Malta).

11. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Anna sive Annie Cachia, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2016 (fol 187).

12. Rat in-nota tar-rikorrent li ppreżenta dokument tal-awditur Anthony J. Cassar, datat 11 ta' Diċembru 2013, ippreżentat bħala Dok AC1 (fol 190).

13. Rat x-xhieda tal-**Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea** mogħtija fit-29 ta' Novembru 2017, fejn eżebiet ir-relazzjoni tagħha a fol 208.

14. Rat ir-rapport tal-Perit Marie Louise Caruana Galea minnha maħluf fis-17 ta' Ottubru 2017 (fol 211).

15. Rat id-domandi in eskussjoni magħmula lil Perit Tekniku fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2017 (fol 247).

16. Rat ix-xhieda tal-**Awditur Anthony Cassar**, in eżami u kontro eżami, mogħtija fid-29 ta' Novembru 2017 (fol 248B).

17. Rat in-nota tal-Perit Tekniku Marie Louise Caruana Galea, li eżebiet id-dokumenti approvati PA3150/12, wara li dan ġie mitlub minnha fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017 (fol 249).

18. Rat il-kopja tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Nru 755/15 fl-ismijiet Carmelo Cachia vs Anna Cachia et ippreżentat mir-rikorrent fit-8 ta' Jannar 2018 (fol 274).

19. Rat id-domandi in eskussjoni ulterjuri illi saru lill-Perit Tekniku fl-14 ta' Frar 2018 (fol 386).

20. Rat ix-xhieda ulterjuri tar-rikorrent Carmelo Cachia mogħtija fl-14 ta' Frar 2018 (fol 390).

21. Rat illi fl-14 ta' Frar 2018 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

22. Rat illi dina l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti fil-31 ta' Ottubru 2019 u ordnat illi jitkomplew bil-provi għalkemm il-kawża kienet ilha differita għall-probabbli transazzjoni sa minn Frar 2018.

23. Semgħet ix-xhieda ta' Annie Cachia mogħtija fil-5 ta' Marzu 2020 (fol 406).

24. Semgħet ix-xhieda tal-Perit Aaron Abela mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2020 (fol 439) u rat id-dokumentazzjoni minnu ppreżentata (fol 449).

25. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Charles Cachia mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2020 (fol 450).

26. Semgħet ix-xhieda ta' l-intimat Joseph Cachia mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2021 (fol 482).

27. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' Charles Cachia mogħtija fil-21 ta' Ottubru 2021 (fol 517).

28. Rat illi fil-21 ta' Ottubru 2021, il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u l-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub.

29. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Carmelo Cachia ippreżentata fit-18 ta' Jannar 2022 (fol 523).

30. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Joseph Cachia ippreżentata fil-21 ta’ Frar 2022 (fol 533).

31. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Anna sive Annie Cachia ippreżentata fit-3 ta’ Marzu 2022 (fol 544).

32. Rat illi fis-7 ta’ Marzu 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

## Fatti tal-każ

33. Jirriżulta li d-ditta Aluage, li topera ġewwa Ħal Tarxien, inbdiet fl-1972 minn Anthony Cachia, ir-raġel ta’ Annie Cachia u missier Charles u Joseph.

34. Jirriżulta li r-rikorrent Charles Cachia, illi llum għandu madwar sebgħa u ħamsin sena, beda jaħdem ma’ missieru fid-ditta Aluage ta’ madwar sittax-il sena u dam jaħdem hemm għal 33 sena, sakemm kellu diżgwid ma’ ħuh, l-intimat Joseph.

35. Jirriżulta illi l-intimat Joseph Cachia, illi huwa tnax-il sena iżgħar minn ħuh Charles, beda jaħdem mad-ditta ma’ missieru fl-1994.

36. Jirriżulta li Anthony Cachia miet fl-1997 u ħalla bħala werrieta lil uliedu u l-użufrutt favur martu Anna.

37. Jirriżulta li sal-2012, il-wirt ta’ Anthony Cachia kien għadu ma nqasamx filwaqt illi ż-żewġ ulied, Charles u Joseph, baqgħu impjegati ma’ ommhom filwaqt li baqgħu joperaw fiż-żewġ dipartimenti separati, kif kienu minn żmien missierhom, fejn Charles kien jieħu ħsieb l-aperturi u l-insect screens u Joseph kien jarma l-firrolli u l-aċċessorji l-oħra. Madanakollu, beda jkun hemm diżgwid bejn l-aħwa u l-argumenti bejn iż-żewġ aħwa ulied komplew sakemm Charles telaq mill-garaxxijiet f’Ħal Tarxien u ma baqax jaħdem.

38. Jirriżulta li, hekk kif id-disgwid beda jintensifika, permezz ta’ skrittura datata 17 ta’ April 2012, annessa Dok A, Anna Cachia intrabtet li sa żmien sena mid-data tal-iskrittura taqsam din id-ditta / negozju f’żewġ porzjonijiet, dan billi in-negozju li jismu ‘Aluage’ jinqasam f’żewġ porzjonijiet ta’ valur kemm jista’ jkun indaqs, b’mod li kull porzjon jiffunzjona bħala negozju fl-istess linja ta’ xogħol li taħdem id-ditta ‘Aluage’.

39. Madanakollu, il-problemi kibru u r-rikorrent Charles telaq u, għal sentejn sħaħ, ma ħadem xejn, għalkemm baqa’ jitħallas minn ommu, l-intimata Anna.

40. Jirriżulta illi, eventwalment, l-intimata ommhom żviluppat il-garaxx ġewwa Ħaż-Żebbuġ u r-rikorrent aċċetta li jibda jaħdem minn Ħaż Żebbuġ. Madanakollu, id-diżgwid baqa’, peress illi r-rikorrent kien qed jilmenta li ma ttieħed l-ebda kont tal-istokk u tal-goodwill, għalhekk huwa kien qed jippretendi li jitħallas ta’ dan.

## Proċeduri odjerni

41. Jirriżulta, illi, permezz tal-azzjoni odjerna kif intavolata, r-rikorrent qiegħed jitlob li l-konvenuta twettaq l-obbligi li joħorġu mill-iskrittura datata 17 ta’ April 2012, tiġi ordnata twettaq u tonora l-obbligi kollha tagħha f’din l-iskrittura. Ir-rikorrent qed jitlob ukoll li l-konvenuta tkun

responsabbli għad-danni talli ma wettqitx l-obbligi tagħha elenkati f'din l-iskrittura. Inoltre`, ġie mitlub li ż-żewġ konvenuti jiġu dikjarati responsabbli għad-danni anke minħabba allegat tfixkil sabiex ir-rikorrenti jaċċedi fil-garaxxijiet f'Ħal Tarxien. Konsegwentement, qed jiġi mitlub li l-konvenuti ikunu responsabbli għad-danni sofferti.

42. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenut Joseph Cachia sostna fir-risposta tiegħu, li l-fatti kif premessi mir-rikorrenti huma skorretti, li l-attur qatt ma ġie mfixkel jew imġiegħel jitlaq mill-garaxxijiet f'Ħal Tarxien iżda kien proprju minn jeddu li l-attur qabad u telaq minn hemm. Ġie eċċepit ukoll, li s-sid tan-negozju hija biss l-omm, u Annie Cachia implimentat fis-sħiħ dak indikat fl-iskrittura datata 17 ta' April 2012, tant hu hekk, li l-omm Annie Cachia ħadet ħsieb tarma l-fond f'Ħaż Żebbuġ minn fejn mar jaħdem l-attur bl-għodda u b'dak kollu li huwa kien jeħtieġ, u l-fond f'Ħaż Żebbuġ ġie anke żviluppat skont ix-xewqat tal-attur. Inoltre`, ġie sostnut ukoll fir-risposta tal-konvenut, li l-qasma saret għaliex sar qbil li huwa jkompli jaħdem minn Ħal Tarxien filwaqt li ħuh, l-attur jaħdem minn ġewwa Ħaż Żebbuġ, u tant kien hemm qbil, li anke kien inkarigat il-Perit Mugliett sabiex jistma ż-żewġ proprjetajiet. Sostna wkoll, li l-unika fattur li għadu ma ġiex fis-seħħ mill-iskrittura datata 17 ta' April 2012, huwa li ma ġietx imħallsa l-ebda kera lill-omm Annie Cachia.

43. Il-konvenuta Annie Cachia laqgħet għal dak mitlub, billi sostniet li t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi, frivoli u vessatorji stante li dak kollu indikat fl-iskrittura ġie mwettaq. Inoltre`, ġie eċċepit li mhuwiex minnu li ma wettqitx l-obbligi tagħha, anzi għamlet ħilitha kollha u ħadet ħsieb l-applikazzjoni għall-permess mal-MEPA tal-iżvilupp li sar f'Ħaż-Żebbuġ minn fejn kien qed jaħdem l-attur. Inoltre`, sostniet li inkarigat ukoll lill-Perit Mugliett sabiex jivvaluta l-proprjeta` f'Ħal Tarxien u f'Ħaż Żebbuġ. Għalhekk, wara l-inkarigu u l-ispejjeż inkorsi minnha sabiex iż-żewġ uliedha jiġġestixxu n-negozju, wieħed minn post, u l-ieħor minn ieħor, hija eċċepiet li m'għandha tkun ikkundannata għal ebda danni.

**Meritu tal-każ**

44. Jibda biex jingħad li l-ilment tar-rikorrent huwa prinċipalment ippernjat fuq l-iskrittura datata 17 ta' April 2012, eżebita bħala Dok A mar-rikors promotur. F'dan id-dokument hemm stipulat hekk:

> *"Sa żmien sena mil-lum, jien noffri lil kull wieħed minn uliedi imsemmija konċessjoni ta' kera ta' negozju, u proprjetà li kull wieħed minn uliedi ser ikun jista' jaħdem u jgħix fl-istess linja ta' negozju tad-ditta Aluage."*

45. L-intenzjoni ta' dak hawnhekk miktub huwa ċar, ossija li għandu jkun hemm żewġ porzjonijiet tad-ditta Aluage, l-ewwel porzjon konsistenti fil-garaxxijiet fi Triq id-Dejma f'Ħal Tarxien, u l-porzjon l-ieħor konsistenti fil-fond f'Ħaż Żebbuġ fejn kellu jiġi żvluppat. L-intiża, kienet ferm ċara - li kull wieħed mill-ulied jieħu u jiġġestixxi n-negozju minn porzjon hekk indikat.

46. Ir-rikorrent qed isostni li l-iskrittura suċitata, eżebita bħala Dok A mar-rikors promotur għandha tiġi rispettata abbażi tal-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*. Infatti, fis-sottomissjonijiet tiegħu, huwa jelabora fuq dan il-punt.

47. Madankollu, minn ħarsa tad-dokument Dok A, jiġi osservat, li fuq dana id-dokument hemm unikament firma waħda, li għalkemm mhijiex ċara ta' min hi, huwa preżunt li huwa ta' l-intimata Annie Cachia. Dana qed jingħad ukoll għax, mill-assjem tal-provi jirriżulta kkonfermat minn l-intimata Annie Cachia stess, li hija ħejjiet dan id-dokument fuq pressjoni tal-istess rikorrenti.

48. Minn naħa l-oħra, Joseph Cachia l-konvenut l-ieħor sostna fix-xhieda tiegħu li huwa ma kienx jaf b'dan id-dokument datat 17 ta' April 2012, u sar jaf biss bl-imsemmi dokument wara l-preżentata ta' dan il-każ.

49. Għalhekk, jidher evidentement, li din kienet skrittura unilaterali, u mhux bilaterali, ossija skrittura ffirmata minn parti waħda, peress li hemm firma unika fuq dan id-dokument, li jidher li hija tal-konvenuta.

50. F'dan il-kuntest, huwa relevanti dak ċitat fil-każ **S.G. South Limited vs Joseph Scicluna et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' April 2004;

> *"Il-firem fuq skrittura privata mhux meħtieġ, bil-liġi li jkunu awtentikati minn xhud, però jrid jirriżulta ta' min hija l-firma u l-veraċita` tagħha. Għall-validita` ta' skrittura, il-liġi trid li jkun hemm żewġ firem, li mhux bilfors jingħataw kontestwalment, imma jridu jkunu fuq l-istess dokument (Ara Vella vs Cassar deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' April 1967) u jekk id-dokument ikollu firma nieqsa (peress li ma jistax jiġi identifikat il-persuna l-oħra li allegatament iffirmat dak id-dokument) dak id-dokument ma jkunx jiswa bħala skrittura privata."*

51. Mis-suespsot, jiġi dedott, li l-iskrittura li qed jibbaża l-pretensjonijiet u t-talbiet tiegħu ir-rikorrent f'dan il-każ, mhijiex ikkunsidrata skrittura miftehma bejn żewġ partijiet, kif donnu qed jimplika r-rikorrent. Iżda, legalment, dik hija biss dikjarazzjoni unilaterali li m'għandhiex l-effetti legali ta' skrittura iffirmata minn żewġ partijiet.

52. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kull pretensjoni tar-rikorrent ibbażata fuq din id-dikjarazzjoni u dokument Dok A, hija bla bażi u mingħajr fundament legali.

**Ikkunsidrat**

53. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll, li, mill-assjem tal-provi, jirriżulta ippruvat b'mod ċar, li dak li qed jippretendi r-rikorrent, li huwa kontenut fid-dokument li rrediġiet u ffirmat waħidha l-intimata Annie Cachia, fil-fatt seħħ.

54. Dan qiegħed jingħad għaliex jinsab ampjament ippruvat, li ż-żewġ porzjonijiet fil-fatt inqasmu bejn iż-żewġ aħwa ulied u, kif ir-rikorrent stess ikkonferma, huwa telaq mill-garaxxijiet f'Ħal Tarxien u beda jaħdem u jiġġestixxi n-negozju minn Ħaż-Żebbuġ.

55. Jirriżulta wkoll illi l-konvenuta ommu Annie Cachia għamlet diversi spejjeż, li tħallsu mill-istess kumpanija Aluage, in konnessjoni ma' l-iżvilupp f'Ħaż Żebbuġ, u dana skond id-direzzjoni u rikjesta kif kien lilha mogħti mir-rikorrent, fejn inbena sular ġdid, il-fond ġie mgħammar bl-għodda u l-makkinarju kollu neċessarju u saħasitra, r-rikorrent ġie ipprovdut b'vettura sabiex ikompli jiġġestixxi x-xogħol.

56. Jirriżulta wkoll illi, kif stqarret l-intimata Annie Cachia u ma ġiex ikkontestat, l-intimata nefqet ċirka €133,000 mill-assi tal-kumpanija Aluage, sabiex tarma l-fond f'Ħaż Żebbuġ, minn fejn ir-rikorrenti beda jopera b'mod esklussiv taħt l-isem 'Aluscreen'.

57. Jirriżulta wkoll li l-konvenuta, bil-kunsens ta' kulħadd, inkarigat lill-Perit Mugliett sabiex jistma ż-żewġ porzjonijiet, ossija l-porzjon f'Ħal Tarxien u l-porzjoni f'Ħaż Żebbuġ, li kienu ġew stmati mill-Perit Mugliett, fejn stabilixxa illi l-bini f'Ħaż Żebbuġ kien jiswa € 737,000 filwaqt illi l-porzjon ta' Ħal Tarxien kien jiswa € 890,000.

58. Jirriżulta illi dana l-eżercizzju kien sar mill-Perit Mugliett sabiex jiġi assikurat li ż-żewġ ulied kienu qed jiġu assenjati żewġ porzjonijiet kemm jista' ikun indaqs fil-valur tagħhom.

59. Jirriżulta illi, fuq talba tar-rikorrent, il-Qorti appuntat lill-Perit Marie Louise Caruana Galea sabiex tagħmel l-istimi tagħha fejn hija ħejjiet il-valutazzjoni fis-suq tal-proprjeta` appartenti lid-ditta Aluage w ikkonkludiet li l-garaxxijiet fi Triq id-Dejma f'Ħal Tarxien, ġie stmat fl-ammont ta' € 941,000, u l-proprjeta` f'Ħaż-Żebbuġ ġiet stmata fl-ammont ta' € 890,000.

60. Għandu jingħad ukoll illi mix-xhieda jirriżulta wkoll, kif ikkonfermat mill-konvenuta stess u anke mill-konvenut Joseph Cachia, li meta r-rikorrent, minħabba diżgwidi li kellu ma' ħuh il-konvenut, ma resaqx lejn il-garaxx f'Ħal Tarxien għal sentejn sħaħ u ma marx ix-xogħol, il-konvenuta baqgħet toħroġlu l-paga regolarment, u dana sakemm imbagħad iddeċieda huwa stess li jibda jopera minn Ħaż Żebbuġ

61. Il-Qorti, f'dana l-istadju, tagħmel referenza għall-pretensjoni tar-rikorrenti rigwardanti stokk u goodwill, u tirrileva illi tali talba ma tista' qatt tiġi kkunsdrata minn dina l-Qorti. Dana jingħad għax id-dikjarazzjoni unilaterali ta' Annie Cachia, li abbażi tagħha huwa jagħmel il-kawża odjerna, imkien ma ssemmi l-ebda stokk tad-ditta 'Aluage' u lanqas ma ssemmi goodwill. Apparti minn hekk, stante illi, kif ġia osservat, dan il-ftehim kien biss dikjarazzjoni unilaterali, u ma jistax jitqies li għandu l-effetti ta' obbligazzjoni kuntrattwali mar-rikorrent, kif donnu qed jinsisti r-rikorrent.

62. Għaldaqstant, b'referenza għall-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent, kif dedotti, dawn ma jistgħux jintlaqgħu, kemm għax id-dokument tas-17 ta' April 2012 huwa biss dikjarazzjoni unilaterali ta' l-intimata Annie Cachia, kif ukoll għaliex, in realta', jirriżulta li dik l-assenjazzjoni taż-żewġ porzjonijiet tan-negozju Aluage, li kellhom jinqasmu bejn iż-żewġ ulied, fil-fatt attwalment sar.

63. Għandu jingħad wkoll illi jirriżulta ċar illi r-rikorrent, di sua sponte, mar jopera ġewwa l-fond ta' Ħaż-Żebbuġ u qiegħed jopera minn hemm. Għalhekk, huwa ċar illi, għal dak mitlub fit-tieni talba tar-rikorrent, fejn talab li, jekk jibqa' ma jkunx hemm qbil dwar kif jiġu assenjati l-porzjonijiet tan-negozju 'Aluage', dawna jittellgħu bix-xorti peress li huwa manifestament ċar li kien hemm qbil dwar min juża liema fond, konsegwentement m'hemmx lok għal ebda polza.

64. Il-Qorti tirrileva wkoll illi r-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti tiffissa l-kirjiet dovuti, skond ir-rieda espressa minn ommu, l-intimata, Annie Cachia. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi dak kollu mitlub fit-tieni talba tar-rikrorent huwa fil-fatt improponibbli, peress illi huwa qiegħed jitlob biex il-qorti tiffissa kera li hija minnu dovuta lill-intimata ommu, liema kera hija ommu biss illi tista' titlob li titħallas, u ħadd aktar! Hija biss l-intimata Annie Cachia li tista' titlob il-kera, peress illi l-propjetajiet kemm ta' Ħal Tarxien kif ukoll ta' Ħaż-Żebbuġ huma tagħha.

Madanakollu, biex tagħmel hekk, kellha tagħmel kontro-talba fil-proċeduri odjerni, liema kontro talba hija qatt ma għamlet.

65. Il-Qorti ma tistax ma terġax tosserva illi l-propjeta’ kollha illi dwarhom qed jiġġieled ir-rikorrent, huma lkoll propjeta’ illi, għalkemm in-nuda propjeta’ tagħhom hija tal-partijiet aħwa Cachia, hija l-intimata Annie Cachia illi għandha l-aħħar kelma peress illi hija użufruttwarja ta’ kollox. Għalhekk, hawnhekk ma għandhiex kwistjoni dwar qsim ta’ wirt, għax il-propjeta’ kollha hija soġġetta għall-użufrutt ta’ l-intimata Annie Cachia.

66. Fil-każ odjern, ma għandhiex każ ta’ qsim ta’ wirt, iżda għandna kawża bbażata fuq dikjarazzjoni unilaterali ta’ l-intimata Annie Cachia, li del resto hija eżegwiet minkejja li r-rikorrent qiegħed jagħti x’jifhem illi dana ma kienx il-każ.

67. Fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet, tirrespinġi l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent.

**Talbiet - Danni**

68. Jirriżulta illi t-tieni parti tat-talbiet rikorrenti, ossija dawk mit-tielet sat-tmien talba, ir-rikorrenti qed jitlob id-dikjarazzjoni tar-responsabbilta’ u l-likwidazzjoni tad-danni lilu kkawżati, fit-tielet, raba’ u ħames talba, mill-intimata ommu Anna Cachia, u fis-sitt talba, mill-intimat ħuh Joseph Cachia.

69. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent, jirreferi għall-allegati danni subiti billi jagħmel referenza għal Dok AC1 eżebit minnu a fol 391 tal-proċess, fejn huwa elenka prospett ta’ l-assi tanġibbli tal-kumpanija ‘Aluage’, billi elenka stokk u materjal, għodda, forom, u magni fl-ammonti ta’ valur hemmhekk indikat fil-prospett. Huwa għamel referenza għal dan il-prospett peress li qed jirreklama d-danni għaliex ġie mċaħħad milli juża dawn l-assi. Ir-rikorrent kompla jissottometti, li għandu jingħata għaxra fil-mija (10%) tan-nofs ta’ tali valuri liema perċentwali hija dik normalment mogħtija għat-telf ta’ użu ta’ effetti mobbli, bħala deprezzament tal-istess immobbli.

70. Il-Qorti ma tistax, madanakollu, ma tirrilevax illi, li minn eżami akkurat tal-provi kollha prodotti, minn imkien ma jirriżulta pruvat li attwalment ir-rikorrent ġie mċaħħad milli juża l-assi tal-kumpanija imsemmija. Apparti minn hekk, il-Qorti tirrileva illi l-pretensjoni ta’ għaxra fil-mija tal-assi bħala danni, ċertament mhuwiex mod leġittimu kif jiġu kwantifikati d-danni.

71. Jiġi osservat illi r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova fir-rigward ta’ danni. Il-prinċipju li jirregola l-piż probatorju huwa dak li min jallega jrid jipprova – *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Dan l-oneru tal-prova huwa piż li jinkombi lill-kontendent li jallega fatt.

72. Jiġi nnutat ukoll, li ir-rikorrent jallega li ommu kaxkret saqajha sabiex twettaq l-obbligi tagħha li taqsam u tassenja n-negozja bejn iż-żewġ ulied aħwa kontendenti. Hu jinkolpa lil ħuh ukoll li xekklu u fixklu milli jkompli jaċċedi fil-garaxxijiet f’Ħal Tarxien. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova l-allegazzjonijiet magħmula da parti tiegħu. Ma jirriżulta minn imkien fil-provi li tressqet prova f’dan ir-rigward. Anzi, għal kuntrarju ta’ dak li qed jgħid ir-rikorrent, jirriżulta li l-konvenuta Anna Cachia iffinanzjat l-iżvilupp fil-porzjon ta’ Ħaż Żebbuġ mill-assi tad-ditta

Aluage, liema żvilupp sar kif riedu r-rikorrent, fuq direzzjoni tiegħu, u kompliet tagħti l-paga lir-rikorrent fis-sentejn li huwa ddeċieda li ma jidħolx għax-xogħol.

73. Għalhekk, referibbilment għad-danni l-pretensjonijiet tar-rikorrent ma ġewx suffiċjentement ppruvati għas-sodisfazzjon tal-Qorti.

74. Konsegwentement, il-Qorti għandha tiċħad it-tielet, ir-raba’, l-ġames, is-sitt, is-seba’ u t-tmien talbiet tar-rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tal-intimata Anna sive Annie Cachia.

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimat Joseph Cachia.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti għall-motivi spjegati.

**L-ispejjeż** kollha tal-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur